26 ta' Gunju, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Michel'Angelo Grech et. *versus* Antonio Gauci ne. et. (*)

**Appell — Qorti ta' Għawdex — Valur — Kompetenza — Art. 51 (1) u 748 (1) u (2) (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

***Mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Għaw-***

*dex u Kemmuna fil-kompetenza tagħha superjuri hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina meta l-oġġett tal-pretensjoni, bla ma jitqiesu l-ispejjeż, jissupera l-valur ta' £100, jew ikun ta' valur indeterminat u li ma jistax jiġi determinat b'xi wieħed mill-modi dettati mill-liġi.*

*Il-valur inċert u indeterminat jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti ta' Għawdex, u l-appell relativ għandu jinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina.*

---

(*) Deċiża fil-meritu u rinvijata lill-Ewwel Qorti b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina (Awla Ċivili) tal-5 ta' April, 1954 (publikata).

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha l-atturi, wara li qalu li fid-19 ta' Novembru 1938 u fil-25 ta' Lulju 1941 mietu rispettivament fil-Belt Vittoria Lorenzo u Grazia Grech, ġenituri tal-kontendenti, mingħajr ebda dispożizzjoni testamentarja (dok. A u B); u li l-kontendenti ma jridux jibqgħu iżjed fi stat ta' komunjoni; talbu li tiġi ordnata l-likwidazzjoni tant tal-beni komponenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-imsemmijin Lorenzo u Grazia Grech, kemm ukoll tal-beni komponenti l-assijiet tagħhom partikulari, u dawn il-beni jiġu dikjarati li jikkonsistu f'dawk indikati fil-prospett dok. C u f'beni oħra li jiġu pruvati fil-kors tal-kawża; billi dawn il-beni jiġu diviżi f'ħames parti u porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati bix-xorti, jew altrimenti, waħda kull wieħed lill-kontendenti; billi għall-finijiet premessi jiġi nominat inġinier biex jagħmel il-pjan tal-qasma, nutar biex jirċievi l-att meħtieġ, u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-12 ta' Novembru 1952, li biha :—

1. Ġew likwidati l-assijiet in kwistjoni fis-sustanzi segwenti............... ;

2. Ġie ordnat li dawn il-beni jiġu diviżi f'ħames porzjonijiet............... ;

3. Ġie nominat, a spejjeż provviżorjament tal-partijiet

(1/5) kull wieħed, il-perit arkitett u inġinier ċivili Ugo Mallia biex jagħmel stima tal-fondi..........;

L-ispejjeż baqgħu riżervati għall-ġudizzju finali; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Għalhekk, fil-likwidazzjoni ta' l-assijiet in kwistjoni għandu jidħol dana l-kreditu illikwidu ta' l-aħwa Grech għall-manteniment tal-ġenituri tagħhom, mill-1920 prestati minn Michel'Angelo Grech waħdu sa l-1926, u minn din id-data sal-mewt rispettiva tal-ġenituri flimkien ma' Dun Ġorġ Grech;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Antonio Gauci nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi dikjarat u deċiż li l-kreditu mhux likwidat kontra l-imsemmija assijiet favur Michel'Angelo Grech u Dun Ġorġ Grech, għall-manteniment prestat lill-ġenituri tagħhom, minn Michel'Angelo Grech mill-1920 sal-mewt tagħhom rispettiva, u minn Dun Ġorġ Grech mill-1926 sal-mewt tagħhom rispettiva, ma għandux jiġi ammess, u għalhekk ma għandux jiffoma parti mill-passiv ta' l-assijiet fuq imsemmija ta' Lorenzo u Grazia ġa miżżewġin Grech; billi għalhekk l-imsemmija sentenza tat-12 ta' Novembru 1952 tiġi revokata in kwantu ammettiet dak il-kreditu u nkludietu fil-passiv ta' l-assijiet fuq imsemmija, u tiġi konfermata għall-kumplament; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, opposta mill-atturi appellati;

Illi skond l-art. 51(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, mis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna hemm appell quddiem din il-Qorti meta l-oġġett tal-pretensjoni, bla ma jitqiesu l-ispejjeż, jissupera l-valur ta' £100, jew ikun tali li l-valur tiegħu ma jistax jiġi stabbilit. F'dan il-każ, il-valur tal-pretensjoni formanti oġġett ta' dan l-appell mhux determinabili b'ebda wieħed mill-modi stabbiliti fl-art. 749 tal-Kodiċi ċitat, u lanqas jista' jiġi determinat kif jingħad fl-art. 762; għaliex l-istima hemm menzjonata tirriferixxi għal ħaġa ("thing") fis-sens strett tal-kelma, u fiha ma jistax jiġi nkluż il-manteni-

ment, oġġett tal-pretensjoni appellata. Għalhekk il-valur ta' dina l-pretensjoni huwa indeterminat u ma jistax jiġi determinat; u konsegwentement jaqa' taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 748(2) (c) ta' l-imsemmi Kodiċi. U billi l-valur inċert jew indeterminat jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, dan l-appell kellu jinġieb quddiem dina l-Qorti (art. 748(1));

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, opposta mill-atturi appellati; bl-ispejjeż kontra tagħhom.